**QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**
**BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI**

**MAGISTRAT DR. JOSEPH MIFSUD**
**B.A. (LEG. & INT. REL.), B.A. (HONS.), M.A. (EUROPEAN), LL.D.**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Maurice Curmi)**

**vs**
**Charlot (Carmel) Gauci**

**Kumpilazzjoni 671/2013**

**Illum 29 ta' Ottubru 2018**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra l-imputat **Charlot (Carmel) Gauci** detentur tal-karta tal-identita' bin-numru 421770(M) billi huwa akkuzat talli:

1. F'Mejju 2011 u fix-xhur u snin ta` qabel f' dawn il-gzejjer, b' diversi atti maghmulin fi zminijiet differenti, izda li jiksru l-istess dispozizzjonijiet tal-ligi u li gew maghmula b'rizoluzzjoni wahda, b'mezzi kontra l-ligi jew billi ghamel uzu ta' ismijiet foloz jew ta' kwalifiki foloz, jew billi nqeda b'qerq iehor, ingann, jew billi wera haga b'ohra sabiex igieghel titwemmen l-ezistenza ta' intraprizi foloz, jew ta' hila, setgha fuq haddiehor, jew ta' krediti

immaginarji, jew sabiex iqanqal tama jew biza' dwar grajja kimerika, ghamel qliegh ta' aktar minn elfejn tlett mija u disgha u ghoxrin ewro u sebgha u tletin centezmu ( €2,329.37), u cioe s-somma ta' cirka €16,000 ghad-dannu ta' Luigi Susino detentur tal-karta ta' l-identita' numru 481000(L) u Catherine Zammit detentrici tal-karta ta' l-identita numru 150268(M) rispettivament, ai termini ta' l-artikoli 18, 308, 309 u 310 tal-Kodici Kriminali, Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

2. U aktar talli fl-istess zmien, lok u cirkostanzi, appropja ruhu, billi dawwar bi profitt ghalih jew ghall-persuna ohra, minn haga ta' haddiehor li kienet giet fdata jew ikkunsinjata lilu taht titolu illi jgib mieghu l-obbligu tar-radd tal-haga jew li jsir uzu minnha specifikat u cioe' s-somma ta cirka €16,000 000 ghad-dannu ta' Luigi Susino detentur tal-karta ta' l-identita' numru 481000(L) u Catherine Zammit detentrici tal-karta ta' l-identita numru 150268(M) rispettivament, ai termini ta' l-artikoli 293 u 294 tal-Kodici Kriminali, Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

Il-Qorti giet mitluba sabiex barra milli tapplika l-piena skond il-Ligi, tordna lill-imputat sabiex ihallas l-ispejjez li ghandhom x'jaqsmu mal-hatra tal-esperti, ai termini tal-artikoli 532A, 532B u 533 tal-Kodici Kriminali, Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat in-nota tal-Avukat Generali (*a fol. 271*) datata 1 t'Awwissu 2018 li permezz taghha baghat lill-imputat Charlot (Carmel) Gauci biex jigi

ggudikat minn din il-Qorti bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali kif mahsub taht:

- Fl-Artikoli 18, 308, 309 u 310(1) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
- Fl-Artikoli 18, 293, 294 u 310(1) (a) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
- Fl-Artikoli 17, 18, 31, 538A, 532B u 533 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

Rat illi, waqt l-udjenza tat-30 ta' Novembru 2016 (a fol. 274), gew moqrija l-Artikoli mibghuta mill-Avukat Generali fit-30 ta'Gunju 2016 (a fol. 271), f'liema seduta l-imputat iddikjara li ma kellux oggezzjoni li l-kaz tieghu jigi trattat u deciz minn din il-Qorti bi procedura sommarja.

Rat ix-xhieda kollha prodotti mill-Prosekuzzjoni u mill-kwerelanti.

Rat li l-imputat ma ressaqx provi.

Semghet, fis-seduta tat-25 ta' Settembru 2015 (a fol. 212), l-kwerelanta Catherine Zammit iddikjarat li kienet qed tirrinunzja ghal dak li huwa rinunzjabbli fil-konfront tal-imputat.

***XHIEDA***

F'dan il-process xehdu erbatax (15) -il xhud kif gej:

Spettur Maurice Curmi (*a fol* 30 et. seq.); Luigi Susino (*a fol* 59 et. seq.); Stephen Cachia (*a fol* 79 et. seq.); Reuben Bonnici (*a fol* 84 et. seq.); Ruth Susino (*a fol* 93 et. seq.); Romwald Attard (*a fol* 99 et. seq.); Michael

Chircop (*a fol* 105 et. seq.); George Cremona (*a fol* 119 et. seq.); Romwald Attard (*a fol* 126 et. seq.); PS 518 Anthony De Giovanni (*a fol* 185 et. seq.); Audrey Ghigo (*a fol* 190 et. seq.); Catherine Zammit (*a fol* 212 et. seq.); Ivan Spiteri (*a fol* 214 et. seq.); Audrey Ghigo (*a fol* 216 et. seq.); Dr. Ray Fenech (*a fol* xxx et. seq.);

**Ikkunsidrat:**

Semghet l-ammissjoni ta' l-imputat kif registrata fl-atti fis-seduta tal-llum ghall-imputazzjonijiet migjuba fil-konfront tieghu.

Illi din il-Qorti osservat dak li jiddisponi l-Artikolu 392A(1) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta, u cioe' wara li l-imputat wiegeb li huwa hati, din il-Qorti wissietu b'mod l-aktar solenni fuq il-konsegwenzi legali ta' dik it-twegiba tieghu u tatu zmien xieraq sabiex jekk irid jerga' lura minnha u kien biss wara li staqsietu t-tieni darba li l-Qorti ghaddiet sabiex taghti kaz din l-ammissjoni tieghu.

Semghet s-sottomissjonijiet finali mill-Prosekuzzjoni u d-difiza in kwantu jirrigwarda l-piena.

Illi ghalhekk fuq l-ammissjoni volontarja u inkondizzjonata tal-istess imputat, il-Qorti tiddikjara li m'ghandiex triq ohra salv li ssib lill-imputat hati ta' l-imputazzjonijiet migjuba kontra tieghu.

Ghal finijiet ta' piena l-Qorti kkunsidrat il-fatt li l-imputat ammetta l-imputazzjonijiet migjuba kontrih, l-fedina penali tieghu, t-trapass taz-zmien li jirrizulkta li kien tort tieghu biss fejn ghal xhur shah la ffirma fl-Ghassa tal-Pulizija tal-Imsida kif kien obbligat li jaghmel skont id-digriet tal-liberta' provizorja u lanqas attenda ghas-seduti tal-Qorti.

**Decide:**

Ghal dawn il-mottivi il-Qorti wara li rat Artikoli 17, 18, 28 A (1), 28A (2), 293, 294, 308, 309, 310(1), 538A, 532B, 533 issib lili imputat hati u tikundannah senjtejn (2) prigunerija liema prigunerija qieghda tkun sospiza ghal-erba (4) snin kif ukoll wara li rat artikolu 28H(1) qieghda tordna li l-imputat irid ihallas is-somma ta' ghaxart elef Ewro (10,000) lil Luigi Susino fi zmien sitt (6) xhur mill-lum.

Il-Qorti twissi lill-hati bil-konsegwenzi skont il-Ligi jekk huwa jikkommetti reat iehor matul dan il-perijodu ta' sentenza sospiza u jekk ma jhallasx is-somma ta' ghaxart elef Ewro (€10,000) lil Luigi Susino fiz-zmien lilu moghti.

---

**Dr. Joseph Mifsud**
**Magistrat**